KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fil-21 ta' Lulju 2016 [1]

Kawża C-128/15

Ir-Renju ta' Spanja
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Rikors għal annullament — Sajd — Regolament (UE) Nru 1367/2014 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond — Roundnose grenadier u roughhead grenadier — Riskju ta' dikjarazzjonijiet żbaljati — Opportunitajiet ta' sajd komuni għaż-żewġ speċi — Formola ta' allokazzjoni — Kwoti nazzjonali — Validità — Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-politika komuni tas-sajd — Artikolu 2(2) — Approċċ ta' prekawzjoni — Artikolu 16(1), l-ewwel sentenza — Prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd — Ksur"

I – **Introduzzjoni**

1. Bir-rikors tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jitlob l-annullament tar-Regolament (UE) Nru 1367/2014 (iktar 'il quddiem, ir-"regolament ikkontestat") [2] għar-raġuni li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabeż il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu meta stabbilixxa u alloka l-qbid totali ammissibbli (TAC) komuni għar-roundnose grenadier (*coryphaenoides rupestris*) u r-roughhead grenadier (*macrourus berglax*) bi ksur tal-prinċipji ta' stabbiltà relattiva, ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

2. Għar-raġunijiet li ser nispjega iktar 'il quddiem, jiena nikkunsidra li l-ewwel motiv ta' annullament, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, għandu jintlaqa', u għalhekk ser nillimita l-portata ta' dawn il-konklużjonijiet għall-eżami tal-ewwel motiv.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

3. Il-kuntest ġuridiku jinkludi, minn naħa, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-politika komuni tas-sajd (PKS) [3] kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1385/2013 [4] (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament PKS") u, min-naħa l-oħra, ir-regolament ikkontestat.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Regolament tal-Kunsill, tal-15 ta' Diċembru 2014, li jiffissa għall-2015 u l-2016 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU 2014, L 366, p. 1).

3 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU 2013, L 354, p. 22).

4 — Regolament tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 u (KE) Nru 1224/2009, u r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009, (UE) Nru 1379/2013 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2013, L 354, p. 86).

A – *Ir-Regolament PKS*

4. Il-premessi 35 sa 37 tar-Regolament PKS huma fformulati kif ġej:

"(35) Minħabba l-qagħda ekonomika prekarja tal-industrija tas-sajd u d-dipendenza ta' ċerti komunitajiet kostali fuq is-sajd, huwa neċessarju li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, fuq il-bażi ta' sehem prevedibbli tal-istokkijiet għal kull Stat Membru.

(36) Tali stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd, minħabba s-sitwazzjoni bijoloġika temporanja tal-istokkijiet, għandha tħares u tieħu kont sħiħ tal-ħtiġijiet partikolari ta' reġjuni fejn il-komunitajiet lokali jiddipendu b'mod partikolari fuq is-sajd u l-attivitajiet relatati kif deċiż mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Novembru 1976, u b'mod partikolari l-Anness VII tagħha.

(37) Għalhekk, huwa f'dan is-sens li għandu jinftiehem il-kunċett ta' stabbiltà relattiva."

5. L-Artikolu 2 tar-Regolament PKS, li jidentifika l-għanijiet tal-PKS, huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-PKS għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura huma ambjentalment sostenibbli fit-tul u huma ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta' impjieg, u li jingħata kontribut għad-disponibbiltà ta' provvisti tal-ikel.

2. Il-PKS għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli.

[…]"

6. L-Artikolu 4(1)(8) tar-Regolament PKS jiddefinixxi l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, bħala "approċċ li skontu n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata m'għandux jiġġustifika l-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri ta' ġestjoni sabiex jiġu kkonservati l-ispeċijiet fil-mira, speċijiet assoċjati jew dipendenti u speċijiet mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom".

7. Imdaħħal fil-Parti III tar-Regolament PKS, li għandha t-titolu "Miżuri għall-konservazzjoni u sfruttament sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar", l-Artikolu 6 jipprevedi:

"1. Għall-fini li jinkisbu l-objettivi tal-PKS fir-rigward tal-konservazzjoni u sfruttament sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif stipulat fl-Artikolu 2 l-Unjoni għandha tadotta miżuri ta' konservazzjoni kif jinsabu fl-Artikolu 7.

2. Meta jiġi applikat dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-korpi konsultattivi rilevanti u l-korpi xjentifiċi rilevanti. Il-miżuri ta' konservazzjoni għandhom jiġu adottati b'kont meħud tal-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli, inklużi, fejn rilevanti, rapporti mfassla mis-STECF u korpi konsultattivi oħra, pariri mogħtija mill-Kunsilli Konsultattivi u rakkomandazzjonijiet konġunti magħmulin mill-Istati Membri skont l-Artikolu 18.

[…]"

8. L-Artikolu 7 tar-Regolament PKS, bit-titolu "Tipi ta' miżuri ta' konservazzjoni", jgħid:

"1. Il-miżuri għall-konservazzjoni u sfruttament sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

[…]

e) miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd;

[…]"

9. L-Artikolu 16 tar-Regolament PKS, bit-titolu "Opportunitajiet tas-sajd", jipprevedi:

"1. L-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri għandhom jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd. Għandhom jitqiesu l-interessi ta' kull Stat Membru meta jiġu allokati l-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda.

[…]

4. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti b'mod konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u għandhom jikkonformaw mal-miri kwantifikabbli, l-iskedi taż-żmien u l-marġini stabbiliti skont l-Artikolu 9(2) u punti (b) u (c) tal-Artikolu 10(1).

[…]"

B – *Ir-regolament ikkontestat*

10. Il-premessi 1 sa 4 u 7 tar-regolament ikkontestat huma fformulati kif ġej:

"(1) L-Artikolu 43(3) tat-[TFUE] jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament [PKS] jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni b'kont meħud tal-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli, inklużi, fejn ikun rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

(3) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kondizzjonijiet funzjonalment konnessi magħhom, skont kif ikun meħtieġ. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri b'mod li tkun żgurata għal kull Stat Membru l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd għal kull stokk jew tip ta' sajd u b'kont debitament meħud tal-għanijiet tal-[PKS] stabbiliti mir-Regolament [PKS].

(4) Il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kont meħud tal-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, u b'mod partikolari l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kkonċernati.

[…]

(7) Fir-rigward tal-erba' ħażniet tar-roundnose grenadier, il-pariri xjentifiċi u d-diskussjonijiet riċenti fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) jindikaw li l-qabdiet ta' din l-ispeċi jistgħu jiġu rrappurtati b'mod żbaljat bħala qabdiet tar-roughhead grenadier. F'dan il-kuntest, hemm bżonn tiġi stabbilita TAC li tkopri ż-żewġ speċijiet filwaqt li jkun possibbli li jsir rappurtar separat għal kull waħda minnhom."

11. Skont l-Artikolu 1, ir-regolament ikkontestat "jiffissa għas-snin 2015 u 2016 l-opportunitajiet tas-sajd annwali disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għall-istokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid".

12. L-Artikolu 2(1) tar-regolament ikkontestat jistabbilixxi b'mod partikolari d-definizzjonijiet li ġejjin għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

"c) [TAC]: tfisser il-kwantità li tista' tinqabad u tinħatt l-art minn kull stokk ta' ħut kull sena;

d) 'kwota' tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni jew lil Stat Membru."

13. L-Artikolu 3 tar-regolament kkontestat huwa fformulat kif ġej:

"It-TACs għall-ispeċijiet tal-baħar fond li jinqabdu mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni jew f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni, l-allokazzjoni ta' tali TACs fost l-Istati Membri u l-kondizzjonijiet funzjonalment konnessi magħhom, skont il-każ, huma stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament."

14. L-Artikolu 5 tar-regolament kkontestat jgħid:

"Il-ħut minn stokkijiet li għalihom huma stabbiliti t-TACs għandu jinżamm abbord jew jinħatt l-art biss jekk jinqabad minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota u dik il-kwota ma tkunx eżawriti."

15. Il-Parti 2 tal-anness tar-regolament ikkontestat għandu t-titolu "Opportunitajiet tas-sajd annwali appikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'żoni fejn it-TACs jeżistu skont l-ispeċi u skont iż-żona (f'tunnellati ta' piż ħaj)".

16. Għal dak li jirrigwarda l-ispeċi roundnose grenadier u r-roughhead grenadier fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V b, VI u VII (iktar 'il quddiem, l-"ewwel żona ta' ġestjoni kkonċernata"), il-Parti 2 tal-anness tar-regolament ikkontestat stabbilixxa TAC ta' 4 010 tunnellata għas-sena 2015 u ta' 4 078 tunnellata għas-sena 2016. Fuq dawn it-TACs, ir-Renju ta' Spanja ngħata kwoti ta' 65 tunnellata għas-sena 2015 u ta' 66 tunnellata għas-sena 2016.

17. Huwa ppreċiżat ukoll li l-ħatt ta' roundnose grenadier ma għandux jaqbeż il-95 % tal-kwota ta' kull Stat Membru.

18. Għal dak li jirrigwarda l-ispeċi roundnose grenadier u r-roughhead grenadier fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX, X, XII u XIV (iktar 'il quddiem, it-"tieni żona ta' ġestjoni kkonċernata"), il-Parti 2 tal-anness tar-regolament kkontestat stabbilixxiet TACs ta' 3 644 tunnellata għas-sena 2015 u ta' 3 279 tunnellata għas-sena 2016. Fuq dawn it-TACs, ir-Renju ta' Spanja ngħata kwoti ta' 2 617 tunnellata għas-sena 2015 u ta' 2 354 tunnellata għas-sena 2016.

19. Barra minn hekk, huwa ppreċiżat li l-ħatt ta' roundnose grenadier ma jistax jaqbeż it-80 % tal-kwota ta' kull Stat Membru.

III – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

20. Mill-osservazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jirriżulta li r-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier huma żewġ speċi tal-baħar fond li, mad-daqqa ta' għajn biss, jistgħu jiġi distinti biss mill-forma ta' rashom. Meta l-ħut ta' dawn l-ispeċi titneħħilhom rashom u jiġu ffriżati, ikun prattikament impossibbli li jiġu distinti waħda mill-oħra.

21. Il-Kummissjoni tippreċiża li r-roundnose grenadier hija speċi fil-mira fiż-żewġ żoni ta' ġestjoni kkonċernati u li s-sajd tagħha fl-imsemmija żoni ilu rregolat mis-sena 2003 permezz ta' TAC stabbilit fuq il-livell tal-Unjoni [5]. Din l-istituzzjoni żżid tgħid li r-roughhead grenadier hija inqas frekwenti f'dawn iż-żoni u li s-sajd għaliha ma kienx suġġett għal TAC fuq il-livell tal-Unjoni qabel l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat.

22. Skont il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-grupp ta' ħidma tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (KIEB) fuq il-bijoloġija u l-evalwazzjoni tar-riżorsi tal-ħut tal-baħar fond, li ltaqa' fl-4 u fil-11 ta' April 2014, indika fir-rapport tiegħu tal-2014 (iktar 'il quddiem, ir-"rapport tal-grupp ta' ħidma tal-KIEB tal-2014") li kien ġie mgħarraf bi qbid importanti tar-roughhead grenadier matul is-snin preċedenti fuq il-Hatton Bank, b'mod partikolari minn bastimenti ta' tkarkir Spanjoli. Skont dawn l-istituzzjonijiet, dak ir-rapport semma wkoll varjazzjonijiet sostanzjali bejn id-data tal-osservaturi u d-data uffiċjali Spanjola dwar il-ħatt tar-roundnose grenadier, u dan qajjem ċertu tħassib dwar il-possibbiltà ta' dikjarazzjonijiet żbaljati rigward id-diversi speċi ta' grenadier.

23. Il-kontenut tar-rapport tal-grupp ta' ħidma tal-KIEB tal-2014 ġie diskuss mill-kumitat permanenti fdat bil-ġestjoni u bil-kwistjonijiet xjentifiċi tan-NEAFC fix-xahar ta' Settembru 2014. Dan il-kumitat permanenti enfasizza, b'mod partikolari, li l-livell ta' sajd iddikjarat tar-roughhead grenadier meta mqabbel mar-roundnose grenadier kien "sorprendenti" peress li l-qbid tar-roughhead grenadier kien tradizzjonalment inqas għoli. Il-KIEB ntalab jagħti kjarifika, sa fejn kien possibbli, dwar dan is-sajd. Intalab, b'mod partikolari, li jeżamina jekk setax kien hemm żbalji fid-dikjarazzjonijiet tal-qbid jew jekk kienx hemm sajd ġdid jew sajd li kien qiegħed jikber tar-roughhead grenadier.

24. B'mod parallel, l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, direttorat ġenerali tal-affarijiet marittimi u tas-sajd, unità C2, staqsiet ukoll lill-KIEB dwar dan is-suġġett fix-xahar ta' Settembru 2014.

25. Fit-3 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi, għall-2015 u l-2016, l-opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond. Il-Kummissjoni kienet qiegħda tipproponi b'mod partikolari li, f'kull waħda miż-żoni ta' ġestjoni kkonċernati, jiġi ffissat TAC komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier. Il-livell ta' TAC komuni kien ibbażat fuq il-parir xjentifiku tal-KIEB għar-roundnose grenadier, fl-assenza ta' parir bħal dak għar-roughhead grenadier. Bl-istess mod, il-kwoti nazzjonali li jallokaw it-TACs komuni kienu ddeterminati skont il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva għar-rigward tar-roundnose grenadier biss.

26. Fis-7 ta' Novembru 2014, il-KIEB pproduċa parir xjentifiku bħala risposta għat-talbiet magħmula min-NEAFC u mill-Unjoni (iktar 'il quddiem, il-"parir tal-KIEB tas-7 ta' Novembru 2014"). Minn dan il-parir jirriżulta li jeżistu inċertezzi dwar il-kompożizzjoni, għall-istokk, tal-qbid ddikjarat tar-roundnose grenadier u tar-roughhead grenadier. Għal dak li jirrigwarda d-distribuzzjoni u l-abbundanza taż-żewġ speċi ta' grenadier, il-KIEB indika li dawn kienu abitwalment preżenti f'ambjenti idroloġiċi differenti, billi r-roughhead grenadier jgħix ġeneralment f'ilmijiet boreali, iktar kesħin.

5 — Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2340/2002, tas-16 ta' Diċembru 2002, li jiffissa għall-2003 u l-2004 l-opportunitajiet tas-sajd għall-ħażniet tal-ħut tal-baħar fond (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 5, p. 439).

27. Il-parir tal-KIEB tas-7 ta' Novembru 2014 jenfasizza li l-qbid sostanzjali tar-roughhead grenadier ġie ddikjarat fit-tieni żona ta' ġestjoni kkonċernata kif ukoll f'parti tal-ewwel żona ta' ġestjoni kkonċernata. Bħala medja, il-qbid kummerċjali ta' roundnose grenadier osservat fis-subżoni VI u XII huwa fi tliet gradi ikbar minn dak tar-roughhead grenadier. Madankollu, il-KIEB enfasizza l-eżistenza ta' differenzi importanti, ta' iktar minn grad ta' kobor, bejn il-proporzjonijiet tar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier iddikjarati fil-ħatt uffiċjali, minn naħa, u l-qbid osservat u l-istudji xjentifiċi mwettqa fiż-żoni fejn isir is-sajd għar-roughhead grenadier, min-naħa l-oħra.

28. Madankollu, il-parir tal-KIEB tas-7 ta' Novembru 2014 indika li kemm l-istudju disponibbli kif ukoll id-data osservata kienu jipprovdu informazzjoni li ma tantx kienet probatorja, b'kopertura limitata fl-ispazju u fiż-żmien. Għalhekk, il-KIEB kkonkluda li kien hemm bżonn li jsir ġbir ta' data iktar estiż fuq il-qbid u l-isforz tas-sajd tar-roughhead grenadier jekk in-NEAFC u l-Unjoni xtaqu jirregolaw dak is-sajd.

29. It-Tnejn, l-10 ta' Novembru 2014, il-Kunsill iddiskuta l-proposta għal regolament sottomessa mill-Kummissjoni fit-3 ta' Ottubru 2014. Fuq il-bażi tad-dibattiti tal-Kunsill, il-presidenza, bi qbil mal-Kummissjoni, ipproponiet test ta' kompromess. Dan il-kompromess, essenzjalment, kien jikkonsisti fiż-żieda tal-livell ta' TACs stabbiliti inizjalment għar-roundnose grenadier sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-estensjoni tagħhom għar-roughhead grenadier.

30. Mill-osservazzjonijiet tal-Kunsill Jirriżulta li, fil-prattika, dan l-ammont addizzjonali ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-proporzjon medja bejn il-ħatt ta' roughhead grenadier u l-ħatt ta' roundnose grenadier. B'dan il-mod, għall-ewwel żona ta' ġestjoni kkonċernata, billi l-parir xjentifiku tal-KIEB kien jissuġġerixxi TAC ta' 3 794 tunnellata għar-roundnose grenadier u li l-medja annwali stmata ta' ħatt ta' roughhead grenadier f'dik iż-żona kienet tirrappreżenta l-5.7 % tal-medja annwali stmata ta' ħatt ta' roundnose grenadier, il-kwantità ta' 3 794 tunnellata żdiedet b'216-il tunnellata (jiġifieri 5.7 % ta' 3 794 tunnellata), li rriżulta fi kwantità finali ta' 4 040 tunnellata. L-istess metodu ġie segwit għat-tieni żona ta' ġestjoni kkonċernata, fejn il-medja annwali stmata ta' ħatt ta' roughhead grenadier kienet tirrappreżenta 25.6 % tal-medja annwali stmata ta' ħatt ta' roundnose grenadier.

31. It-TACs stabbiliti b'dan il-mod ġew allokati bejn l-Istati Membri kkonċernati skont il-formola ta' allokazzjoni li tikkorrispondi mal-istabbiltà relattiva għar-roundnose grenadier. Għaldaqstant, il-kwoti tar-Renju ta' Spanja kienu jirrappreżentaw 1.62 % u 71.8 % tat-TACs komuni stabbiliti rispettivament għall-ewwel u t-tieni żoni tal-ġestjoni kkonċernati.

32. Fil-15 ta' Diċembru 2014, intlaħaq ftehim politiku fuq il-bażi tal-kompromess tal-presidenza, b'adattamenti ħfief. Id-delegazzjonijiet kollha qalu li kienu jaqblu ma' dan il-ftehim politiku, bl-eċċezzjoni tad-delegazzjonijiet ta' Spanja u tal-Portugall li ppreżentaw dikjarazzjoni biex tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill. F'din id-dikjarazzjoni, ir-Renju ta' Spanja sostna b'mod partikolari li l-allokazzjoni tat-TACs komuni stabbiliti għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier ma kinitx tosserva l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva bbażata fuq il-qbid storiku ta' kull Stat Membru.

33. Ir-regolament ikkontestat ġie adottat skont il-formulazzjoni li tirriżulta minn dan il-ftehim politiku u ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-20 ta' Diċembru 2014. Huwa daħal fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

IV – **It-talbiet tal-partijiet**

34. Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla r-regolament kkontestat, u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

35. Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell fl-intier tiegħu, u

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

36. Il-Kummissjoni ġiet awtorizzata tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill, b'deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2015.

V – **Fuq ir-rikors**

37. Preliminarjament, għandha tiġi ppreċiżata l-portata tar-rikors ippreżentat mir-Renju ta' Spanja.

38. Għalkemm ir-rikors ippreżentat mir-Renju ta' Spanja huwa intiż formalment għall-annullament tar-regolament ikkontestat kollu kemm hu, il-motivi ta' annullament li qajjem jirrigwardaw biss id-dispożizzjonijiet tal-anness ta' dak ir-regolament li jistabbilixxu u jallokaw it-TACs komuni għall-ispeċi roundnose grenadier u tar-roughhead grenadier [6] (iktar 'il quddiem, id-"dispożizzjonijiet ikkontestati"), kif irrileva ġustament il-Kunsill. Matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, ir-Renju ta' Spanja kkonferma li l-portata tar-rikors tiegħu kienet limitata għal dawn id-dispożizzjonijiet.

39. Ir-Renju ta' Spanja jqajjem tliet motivi ta' annullament, ibbażati rispettivament fuq ksur tal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

40. Fil-kuntest tal-ewwel motiv tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jgħid li l-Kunsill wettaq żewġ żbalji meta stabbilixxa l-opportunitajiet ta' sajd għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier.

41. Skont l-ewwel parti tal-ewwel motiv, id-deċiżjoni tal-Kunsill li jiġu stabbiliti TACs komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier hija bbażata fuq provi materjalment mhux eżatti.

42. Skont it-tieni parti tal-ewwel motiv, il-formola ta' allokazzjoni li applika l-Kunsill għat-TACs komuni stabbiliti għar-roundnose grenadier u għar-roughhead grenadier ma kinitx tosserva l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva. Għall-motivi esposti iktar 'il quddiem, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-tieni parti tal-ewwel motiv u, għaldaqstant, tannulla d-dispożizzjonijiet ikkontestati.

43. Qabel ma nibda l-eżami ta' dawn iż-żewġ partijiet, nixtieq nispeċifika n-natura tar-relazzjonijiet li jeżistu bejn ir-Regolament PKS u r-regolament ikkontestat. Ir-Regolament PKS jistabbilixxi l-iskema ġenerali tal-PKS, inklużi l-għanijiet u l-obbligi li għandhom jiġu osservati mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'dan il-qasam. Min-naħa tiegħu, ir-regolament ikkontestat jikkostitwixxi miżura partikolari adottata minn dan il-leġiżlatur sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mir-Regolament PKS u li tikkonsisti fid-delimitazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għas-snin 2015 u 2016 [7].

44. Għaldaqstant, teżisti ġerarkija bejn dawn iż-żewġ strumenti, fis-sens li r-regolament ikkontestat għandu jikkonforma mal-għanijiet u mal-obbligi stabbiliti mir-Regolament PKS, u dan huwa kkonfermat mill-premessa 3 tar-regolament ikkontestat. Għaldaqstant, il-Kunsill kien obbligat li josserva l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament PSK, fl-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, u dan ma ġie kkontestat mill-ebda waħda mill-partijiet.

6 — Ara l-punti 15 sa 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

7 — Għall-finijiet ta' kompletezza, nippreċiża li r-regolament ikkontestat jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-PKS kif iddefinit mill-Artikolu 1 tar-Regolament PKS.

A – *Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, sa fejn id-deċiżjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi TACs komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier hija allegatament ibbażata fuq provi materjalment mhux eżatti*

45. Ir-Renju ta' Spanja jsostni li, kuntrarjament għal dak li huwa ddikjarat fil-premessa 7 tar-regolament ikkontestat, il-parir xjentifiku tan-NEAFC ma kienx konklużiv dwar il-kwistjoni jekk kienx meħtieġ li jiġi ffissat TAC komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier.

46. Ir-Renju ta' Spanja jfakkar li l-Unjoni u n-NEAFC talbu lill-KIEB jagħti parir dwar il-possibbiltà, minn naħa, li dawn iż-żewġ speċi ta' grenadier jinsabu flimkien fiż-żoni ta' ġestjoni kkonċernati u, min-naħa l-oħra, li l-qbid tar-roundnose grenadier ġie ddikjarat bi żball bħala qbid tar-roughhead grenadier.

47. Issa, skont ir-Renju ta' Spanja, il-parir ta' KIEB tas-7 ta' Novembru 2014 kien jenfasizza li kien impossibbli, abbażi tad-data disponibbli, li wieħed jitkellem fuq l-eżistenza ta' sajd li jirrigwarda r-roughhead grenadier.

48. Minn dan, ir-Renju ta' Spanja jiddeduċi li l-Kunsill qabeż il-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu meta stabbilixxa TACs komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier meta l-parir tal-KIEB tas-7 ta' Novembru 2014 kien jindika li d-data disponibbli ma kinitx tipprova li dawn iż-żewġ speċi jinsabu fiż-żoni ta' ġestjoni kkonċernati u għalhekk setgħu jinqabdu flimkien.

49. Jiena nikkunsidra li dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala infondat għar-raġunijiet li ġejjin.

50. Fl-ewwel lok, infakkar il-ġurisprudenza stabbilita fis-sens li l-Kunsill għandu jagħmel evalwazzjoni ta' sitwazzjoni ekonomika kumplessa meta jiddetermina t-TACs u jalloka l-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri. F'tali ċirkustanzi, is-setgħa diskrezzjonali li jgawdi l-Kunsill ma tapplikax esklużivament għan-natura u l-portata ta' miżuri li għandhom jittieħdu, imma wkoll, sa ċertu punt, għall-konstatazzjoni tad-data bażika. Fl-istħarriġ tal-eżerċizzju ta' setgħa bħal din, il-qorti għandha tillimita ruħha li teżamina jekk hijiex ivvizzjata bi żball manifest jew jekk tikkostitwixxix abbuż ta' poter jew jekk l-awtorità inkwistjoni marritx manifestament lil hinn mill-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha [8].

51. Fit-tieni lok, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament PKS jipprevedi li l-"PKS għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd". Skont id-definizzjoni li jagħti l-Artikolu 4(1)(8) ta' dan ir-regolament, dan l-approċċ ifisser li l-assenza ta' data xjentifika rilevanti ma għandhiex isservi bħala ġustifikazzjoni biex ma jiġux adottati jew biex tiġi posposta l-adozzjoni ta' miżuri intiżi għall-konservazzjoni ta' speċi fil-mira, l-ispeċi assoċjati jew dipendenti, l-ispeċi mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 16(4) tal-imsemmi regolament jippreċiża li l-opportunitajiet ta' sajd huma ddeterminati skont l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) tal-istess regolament.

52. Minn dawn id-dispożizzjonijiet niddeduċi li l-Kunsill, meta jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni [9], għandu s-setgħa, anki fl-assenza ta' data xjentifika rilevanti, li jadotta l-miżuri ta' ġestjoni neċessarji għall-konservazzjoni ta' speċi u partikolarment miżuri li jiddelimitaw l-opportunitajiet ta' sajd.

8 — Sentenzi tad-19 ta' Frar 1998, NIFPO u Northern Ireland Fishermen's Federation (C-4/96, EU:C:1998:67, punti 41 u 42); tal-5 ta' Ottubru 1999, Spanja vs Il-Kunsill (C-179/95, EU:C:1999:476, punt 29); tal-25 ta' Ottubru 2001, L-Italia vs Il-Kunsill (C-120/99, EU:C:2001:567, punt 44); u tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-87/03 u C-100/03, EU:C:2006:207, punt 38).

9 — Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 43(3) TFUE: "Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi, kif ukoll dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd".

53. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostni r-Renju ta' Spanja, il-Kunsill għandu s-setgħa li jadotta TAC komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier anki fl-assenza ta' data xjentifika "konklużiva" dwar il-preżenza u l-qbid ta' dawn iż-żewġ speċi fiż-żoni ta' ġestjoni kkonċernati.

54. Fit-tielet lok, insib konferma għal din l-interpretazzjoni fil-kliem tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament PKS, li jgħid li l-miżuri ta' konservazzjoni huma adottati *b'kont meħud* tal-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli. L-obbligu ta' "jittieħed kont" ta' dan il-parir, fil-fehma tiegħi, ma jfissirx l-obbligu li wieħed ma jaġixxix meta l-parir ma jkunx konklużiv.

55. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'kuntest simili, li miżuri ta' konservazzjoni ma għandhomx ikunu konformi għal kollox mal-pariri xjentifiċi u li l-assenza jew in-natura mhux konklużiva ta' parir bħal dan ma għandhiex tipprekludi lill-Kunsill milli jadotta l-miżuri li jqis indispensabbli biex jitwettqu l-għanijiet tal-PKS [10].

56. Fir-raba' lok, nenfasizza li l-Kummissjoni u l-Kunsill kellhom pariri xjentifiċi, jiġifieri r-rapport tal-grupp ta' ħidma tal-KIEB tal-2014 u l-parir tal-KIEB tas-7 ta' Novembru 2014, li fihom dikjarazzjonijiet ta' qbid sostanzjali ta' roughhead grenadier fiż-żoni ta' ġestjoni kkonċernati [11].

57. Issa, dawn il-pariri ma solvewx il-kwistjoni dwar jekk dawn id-dikjarazzjonijiet kinux jirriflettu l-ħolqien ta' sajd ġdid bir-roughhead grenadier fil-mira jew prattika ta' dikjarazzjonijiet żbaljati ta' qbid ta' roundnose grenadier. Prattika bħal din, li tikkonsisti f'dikjarazzjoni tal-qbid ta' roundnose grenadier bħala qbid ta' roughhead grenadier, kienet tinvolvi r-riskju li ġġib fix-xejn l-effettività tat-TACs stabbiliti għar-roughhead grenadier. Dan ir-riskju kien jerġa' ikbar għaliex, kif jenfasizzaw il-Kunsill u l-Kummissjoni mingħajr ma ġew ikkontradetti mir-Renju ta' Spanja, huwa impossibbli li tiddistingwi mad-daqqa ta' għajn biss roundnose grenadier minn roughhead grenadier ladarba tkun tneħħiet ir-ras tal-ħut u dan il-ħut ikun ġie ffriżat [12].

58. Kif sostnew il-Kunsill u l-Kummissjoni, huwa sabiex jiġi nnewtralizzat dan ir-riskju li r-regolament ikkontestat stabbilixxa TAC komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier. Din l-intenzjoni tirriżulta b'mod ċar mill-premessa 7 ta' dan ir-regolament.

59. F'dan il-kuntest, u fid-dawl tal-marġni wiesa' ħafna ta' diskrezzjoni li jgawdi l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-PSK u fid-dawl tal-obbligu tiegħu li japplika l-approċċ ta' prekawzjoni [13], jien nikkunsidra li l-Kunsill ma qabiżx il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu meta adotta TACs komuni għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier, kuntrarjament għal dak li jsostni r-Renju ta' Spanja.

60. Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv ta' annullament għandha, fil-fehma tiegħi, tiġi miċħuda bħala infondata.

10 — Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Mondiet (C-405/92, EU:C:1993:906, punti 30 u 31).

11 — Ara l-punti 22 sa 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 — Ara l-punti 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

13 — Ara l-punti 50 u 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

B – *Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, sa fejn il-formola ta' allokazzjoni applikata mill-Kunsill għat-TACs komuni stabbiliti għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier ma tosservax il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva*

61. Fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jenfasizza li la l-Kummissjoni u lanqas il-Kunsill ma ħadu inkunsiderazzjoni l-qbid storiku tar-roughhead grenadier biex jiddefinixxu l-formola ta' allokazzjoni applikata għat-TACs komuni stabbiliti għal din l-ispeċi u r-roundnose grenadier. B'dan il-mod, il-kwoti nazzjonali stabbiliti mid-dispożizzjonijiet ikkontestati jiksru l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, li teħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni l-allokazzjoni tal-qbid storiku fost il-flotot ta' kull Stat Membru għal kull speċi kkonċernata.

62. Fil-prattika, ir-Renju ta' Spanja jikkunsidra li l-kwoti ta' sajd komuni li ġew allokati lilu għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier kellhom ikunu ogħla, peress li l-flotta Spanjola wettqet parti importanti mill-qbid ta' roughhead grenadier matul il-perijodu 2009 sa 2013. Id-dannu li sofriet il-flotta Spanjola minħabba dan il-ksur allegat tal-prinċipju ta' stabbiltà jammonta għal EUR 346 926.

63. La l-Kunsill u lanqas il-Kummissjoni ma kkontestaw il-fatt li ma tteħidtx inkunsiderazzjoni l-qbid storiku tar-roughhead grenadier biex jiġu stabbiliti t-TACs komuni inkwistjoni. Fil-fatt, huwa stabbilit li dawn ġew allokati bejn l-Istati Membri skont il-formola ta' allokazzjoni li tirrifletti l-istabbiltà relattiva għar-roundnose grenadier biss [14].

64. Għalhekk, għada għandu jiġi ddeterminat jekk, kif jallega r-Renju ta' Spanja, il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva kienx jobbliga lil-leġiżlatur tal-Unjoni jieħu inkunsiderazzjoni l-qbid storiku tar-roughhead grenadier għall-finijiet tal-allokazzjoni ta' dawn it-TACs komuni.

65. F'dan ir-rigward, nosserva li r-Regolament PSK ma jinkludix definizzjoni tal-kunċett ta' stabbiltà relattiva. Minkejja dan, skont il-premessa 36 ta' dan ir-regolament, din l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd "għandha tħares u tieħu kont sħiħ tal-ħtiġijiet partikolari ta' reġjuni fejn il-komunitajiet lokali jiddipendu b'mod partikolari fuq is-sajd u l-attivitajiet relatati".

66. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-kunċett ta' stabbiltà relattiva diversi drabi. F'dan il-kuntest, hija ddeċidiet li l-iskop tal-kwoti nazzjonali jikkonsisti f'li jiġi żgurat li kull Stat Membru jkollu sehem mit-TACs stabbiliti fil-kuntest tal-PKS, iddeterminat essenzjalment skont il-qbid li minnu l-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali, il-popolazzjonijiet lokali tas-sajd u l-industriji marbutin ma' dak l-Istat Membru bbenefikaw qabel ma twaqqfet l-iskema tal-kwoti [15].

14 — Ara l-punti 25 u 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

15 — Sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1989, Agegate (C-3/87, EU:C:1989:650, punt 24); tal-14 ta' Diċembru 1989, Jaderow *et* (C-216/87, EU:C:1989:651, punt 23); u tad-19 ta' Frar 1998, NIFPO u Northern Ireland Fishermen's Federation (C-4/96, EU:C:1998:67, punt 47).

67. Fil-fehma tiegħi, minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva jobbliga lil-leġiżlatur tal-Unjoni jieħu inkunsiderazzjoni l-qbid storiku tal-Istati Membri meta jiddetermina l-kwoti li għandhom jiġu allokati lil kull Stat Membru wara li jiġi stabbilit TAC. Barra minn hekk, fil-każ ta' stabbiliment ta' TAC komuni għal diversi speċi, huwa obbligu tal-leġiżlatur li jieħu inkunsiderazzjoni l-qbid storiku ta' *kull* speċi kkonċernata. Dan l-obbligu jirriżulta kemm mill-kliem tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament PSK [16], kemm mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [17], kif ukoll mil-loġika li fuqha huwa bbażat il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva [18].

68. Għaldaqstant, meta l-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni l-qbid storiku tar-roughhead grenadier meta ddetermina l-kwoti li kellhom jiġu allokati lil kull Stat Membru wara t-twaqqif tat-TAC komuni għal dik l-ispeċi u r-roundnose grenadier, huwa kiser il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

69. Jiena nenfasizza li l-Kunsill u l-Kummissjoni ammettew espliċitament li l-qbid storiku jikkostitwixxi wieħed mill-elementi li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi stabbilita l-formola ta' allokazzjoni ta' TAC bejn l-Istati Membri. Dawn iż-żewġ istituzzjonijiet, madankollu, iressqu diversi argumenti biex jiġi stabbilit li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jiksrux il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva jew, mill-inqas, li dan l-eventwali ksur huwa ġġustifikat.

70. Fl-ewwel lok, l-għan tal-konservazzjoni tar-roundnose grenadier jiġġustifika li t-TAC komuni stabbilit għal din l-ispeċi u r-roughhead grenadier jiġi allokat b'osservanza tal-istabbiltà relattiva għar-roundnose grenadier biss.

71. Fil-fehma tiegħi dan huwa argument mingħajr bażi, għar-raġunijiet li ġejjin. Minn naħa, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament PKS huma kuntrarji għal tali interpretazzjoni. Skont l-Artikolu 16(4) ta' dan ir-regolament, l-għan tal-konservazzjoni għandu jiġi osservat meta ssir id-*determinazzjoni* tal-opportunitajiet tas-sajd [19]. Iżda, dan l-għan ma huwiex rilevanti fil-mument tal-*allokazzjoni* tal-opportunitajiet tas-sajd. Fil-fatt, l-Artikolu 16(1) tal-imsemmi regolament jistabbilixxi li l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva għandu jiġi osservat f'kull allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, mingħajr ma jissemma, f'dak l-istadju, l-għan tal-konservazzjoni [20].

72. Min-naħa l-oħra, u mil-lat prattiku, il-konservazzjoni ta' speċi bħar-roundnose grenadier hija żgurata meta jiġi stabbilit TAC għal din l-ispeċi u mhux meta ssir l-allokazzjoni ta' dan it-TAC bejn l-Istati Membri. F'termini ta' konservazzjoni tal-ispeċi, fil-fatt ftit jimporta jekk ir-roundnose grenadier jinstadx b'bastiment b'bandiera Spanjola jew bastiment b'kwalunkwe bandiera oħra.

73. Fil-qosor, dawn iż-żewġ għanijiet japplikaw f'żewġ stadji differenti, dak tad-determinazzjoni u dak tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd, b'tali mod li l-għan tal-konservazzjoni ma jistax jiġġustifika ksur tal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva fl-istadju tal-allokazzjoni.

16 — "L-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri għandhom jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal *kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd* " (il-korsiv miżjud minni).

17 — Sentenza tat-18 ta' April 2002, Spanja vs Il-Kunsill (C-61/96, C-132/97, C-45/98 u C-27/99, C-81/00, C-22/01, EU:C:2002:230, punt 39): "Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, l-opportunitajiet ta' sajd ta' kull stokk tal-ħut, iddefinit bħala l-ħut ta' speċi determinata li jkunu f'żona ġeografika partikolari, għandhom jiġu kkunsidrati separatament. Fil-fatt jirriżulta mill-Artikolu 8(4)(ii) tar-Regolament Nru 3760/92 li l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet ta' sajd għandha tkun żgurata minn kull Stat Membru 'għal kull stokk ikonċernat'."

18 — Billi l-allokazzjoni tal-qbid storiku bejn l-Istati Membri huwa differenti għal kull speċi, billi jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-qbid storiku ta' waħda mill-ispeċi inkluża mit-TAC ma jippermettix li tiġi ggarantita l-istabbiltà tal-attivitajiet tas-sajd li jirrigwardaw l-ispeċi l-oħra.

19 — Dan l-għan ta' konservazzjoni għandu jiggwida wkoll l-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament PKS, bis-saħħa tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament.

20 — Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Mondiet (C-405/92, EU:C:1993:906, punt 50). F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li miżura li tipprojbixxi l-użu ta' xbieki kbar li l-ħut jidħlu fihom mal-kurrent ma tistax titqies bħala inkompatibbli mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, għaliex dan il-prinċipju jirrigwarda biss l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri differenti, għal kull stokk ta' ħut ikkunsidrat, tal-volum ta' qbid disponibbli għall-Unjoni.

74. Barra minn hekk, nippreċiża li l-Kunsill irrimedja għar-riskju tas-sajd żejjed tar-roundnose grenadier li jirriżulta miż-żieda tal-livell tat-TAC kkontestat [21] billi llimita l-ħatt ta' roundnose grenadier għal rispettivament 95 % u 80 % tal-kwoti mogħtija lil kull Stat Membru [22].

75. Fit-tieni lok, il-Kunsill isostni li huwa ma kienx obbligat li jirrevedi l-formola ta' allokazzjoni stabbilita għar-roundnose grenadier meta saret l-estensjoni tat-TACs kkontestati għar-roughhead grenadier, għar-raġuni li din l-estensjoni ma kinitx twassal għall-istabbiliment ta' opportunitajiet ta' sajd ġodda fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament PKS, imma pjuttost għaż-żamma tal-opportunitajiet ta' sajd eżistenti.

76. F'dan ir-rigward, infakkar li t-tieni sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament PKS tipprovdi li l-interessi ta' kull Stat Membru jittieħdu inkunsiderazzjoni meta ssir l-allokazzjoni tal-opportunitajiet ġodda tas-sajd [23]. Għalhekk, dan l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' kull Stat Membru japplika esklużivament għall-opportunitajiet ta' sajd *ġodda*.

77. Min-naħa l-oħra, il-kliem tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament PKS ma jistabbilixxi l-ebda distinzjoni skont in-natura ġdida jew eżistenti tal-opportunitajiet tas-sajd. Għaldaqstant, l-obbligu li jiġi osservat il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva japplika kemm għall-opportunitajiet ta' sajd *ġodda* kif ukoll għall-opportunitajiet ta' sajd *eżistenti* [24] .

78. Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-Kunsill kien, fi kwalunkwe każ, obbligat li josserva l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva meta stabbilixxa t-TACs kkontestati għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier, u dan indipendentement mill-klassifikazzjoni ta' dawn it-TACs bħala opportunitajiet ta' sajd ġodda jew eżistenti [25].

79. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jerġa' jirreferi għal ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li, minn naħa, ir-rekwiżit tal-istabbiltà relattiva għandu jinftiehem li jfisser iż-żamma ta' perċentwali fissa għal kull Stat Membru u, min-naħa l-oħra, il-formola ta' allokazzjoni ffissata inizjalment tkompli tapplika *sakemm ma jiġix adottat regolament li jemenda* [26].

80. Fil-kuntest ta' din il-kawża, fil-fehma tiegħi diffiċli li wieħed jikkontesta li "regolament li jemenda" ġie adottat fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, billi l-Kunsill adotta regolament li emenda t-TACs stabbiliti għar-roundnose grenadier billi estendihom għar-roughhead grenadier. Għaldaqstant, il-Kunsill ma jistax jinvoka din il-ġurisprudenza biex jallega li l-formola ta' allokazzjoni stabbilita inizjalment għar-roundnose grenadier għandha tkompli tapplika, minkejja li emenda t-TACs ikkontestati u estendihom għar-roughhead grenadier.

21 — Ara l-punti 29 u 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

22 — Ara l-punti 17 u 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

23 — Dwar l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' kull Stat Membru meta jkun hemm l-allokazzjoni tal-opportunitajiet ġodda ta' sajd, ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, Spanja vs Il-Kunsill (C-141/05, EU:C:2007:653, punti 87 *et seq*).

24 — Fi kliem ieħor, l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' kull Stat Membru meta jkun hemm l-allokazzjoni ta' opportunitajiet *ġodda* ta' sajd jiżdied ma', mingħajr ma jieħu l-post ta', l-obbligu li tiġi ggarantita l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet ta' sajd meta ssir l-allokazzjoni ta' kull opportunità ta' sajd. Interpretazzjoni fis-sens li l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva ma japplikax għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet *ġodda* ta' sajd, imma biss għal dik ta' possibbiltajiet ta' sajd *eżistenti*, twassal għal riżultat illoġiku fejn formola ta' allokazzjoni li tmur kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva ma tkunx tista' tiġi annullata ħlief jekk l-opportunitajiet ta' sajd ikkonċernati ma jibqgħux ġodda u jsiru eżistenti.

25 — Inżid ngħid, sussidjarjament, li l-argument tal-Kunsill li t-TACs ikkontestati huma limitati għaż-żamma tal-opportunitajiet ta' sajd eżistenti jidhirli li huwa kkontradett mill-fatt li dawn it-TACs jinkludu għall-ewwel darba l-ispeċi roughhead grenadier, b'tali mod li jikkostitwixxu fil-fehma tiegħi opportunitajiet ta' sajd ġodda. Madankollu, din il-preċiżjoni ma għandha l-ebda impatt fuq l-obbligu li għandu l-Kunsill li josserva l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament PKS għall-motivi msemmija iktar 'il fuq.

26 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 1987, Romkes (46/86, EU:C:1987:287, punt 17); tat-13 ta' Ottubru 1992, Portugall u Spanja vs Il-Kunsill (C-63/90 u C-67/90, EU:C:1992:381, punt 26); tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-87/03 u C-100/03, EU:C:2006:207, punt 27); u tat-8 ta' Novembru 2007, Spanja vs Il-Kunsill (C-141/05, EU:C:2007:653, punt 86).

81. F'dan is-sens, iċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża huma differenti b'mod fundamentali minn dawk tal-kawżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja vvalidat, fir-rigward tal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, il-prattika tal-Kunsill li tikkonsisti f'li ma tiġix emendata l-formola ta' allokazzjoni stabbilita inizjalment. Fil-fatt, l-ebda waħda minn dawn il-kawżi ma kienet tirrigwarda l-emenda mill-Kunsill ta' TAC eżistenti biex jiġi estiż għal speċi oħra ta' ħut [27].

82. Fit-tielet lok, kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni jsostnu li huma kienu mġiegħla jużaw il-formola ta' allokazzjoni stabbilita għar- roundnose grenadier minħabba l-assenza ta' data affidabbli dwar il-qbid ta' roughhead grenadier fiż-żoni ta' ġestjoni kkonċernati.

83. Dan l-argument ma jikkonvinċinix għar-raġunijiet li ġejjin.

84. Minn naħa, huwa stabbilit li l-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom data dwar il-qbid ta' roughhead grenadier fiż-żoni ta' ġestjoni kkonċernati, imtennija b'mod partikolari fir-rapport tal-grupp tax-xogħol tal-KIEB tal-2014 u fil-parir tal-KIEB tas-7 ta' Novembru 2014 [28], u dan ġie ammess espliċitament mill-Kunsill matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali.

85. Dan il-fatt terġa' huwa jerġa' inqas kontestabbli billi ż-żieda fit-TACs stabbiliti oriġinarjament għar-roundnose grenadier biss, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-estensjoni tagħhom għar-roughhead grenadier kienet ġiet ikkalkolata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-proporzjon medja bejn il-qbid tar-roughhead grenadier u l-qbid tar-roundnose grenadier [29].

86. Fi kwalunkwe każ, inżid ngħid li l-Kunsill seta', fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu mfakkra fil-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet, jinterpreta d-data dwar il-qbid storiku ta' roughhead grenadier li kellu fid-dispożizzjoni tiegħu. Għalhekk, huwa seta' jevalwa b'mod partikolari l-affidabbiltà ta' din id-data, jekk hemm bżonn billi jistaqsi lir-Renju ta' Spanja dwar dan. Fl-aħħar ta' din l-evalwazzjoni, huwa kien intitolat li jeskludi d-data li dwarha seta' jissuspetta b'mod leġittimu li kienet tirriżulta minn dikjarazzjonijiet frawdolenti jew żbaljati.

87. Madankollu jiena nikkunsidra li din is-setgħa diskrezzjonali, li għandha l-limiti tagħha fl-obbligu li jiġi osservat il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, ma tippermettix lill-Kunsill jinjora kompletament id-data dwar il-qbid storiku ta' roughhead grenadier li kellu fid-dispożizzjoni tiegħu meta ddefinixxa l-formola ta' allokazzjoni tat-TACs komuni stabbiliti għal din l-ispeċi u r-roundnose grenadier.

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nikkunsidra li d-dispożizzjonijiet ikkontestati għandhom jiġu annullati sa fejn jallokaw it-TACs komuni stabbiliti għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier bi ksur tal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

89. Billi t-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tintlaqa', ma huwiex meħtieġ li tiġi eżaminata l-fondatezza taż-żewġ motivi l-oħra mqajmin mir-Renju ta' Spanja insostenn tar-rikors tiegħu.

27 — Fil-kuntest ta' dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet b'mod partikolari l-eżistenza ta' obbligu għall-Kunsill li jirrevedi l-formola ta' allokazzjoni meta Stati Membri oħra ma jkunux eżawrew il-kwota tagħhom (ara s-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 1987, Romkes, 46/86, EU:C:1987:287, punt 14; tat-13 ta' Ottubru 1992, Il-Portugall u Spanja vs Il-Kunsill, C-63/90 u C-67/90, EU:C:1992:381, punt 38), meta Stati Membri ġodda aderew mal-Unjoni (ara s-sentenzi tat-13 ta' Ottubru 1992, Il-Portugall u Spanja vs Il-Kunsill, C-63/90 u C-67/90, EU:C:1992:381, punti 31 sa 35, u tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill, C-87/03 u C-100/03, EU:C:2006:207, punti 28 sa 32) jew anki meta l-opportunitajiet tas-sajd ikunu żdiedu (ara s-sentenzi tat-13 ta' Ottubru 1992, Il-Portugall u Spanja vs Il-Kunsill, C-63/90 u C-67/90, EU:C:1992:381, punti 27 sa 30, u tat-13 ta' Ottubru 1992, Spanja vs Il-Kunsill, C-73/90, EU:C:1992:384, punti 27 sa 29).

28 — Ara l-punti 22 sa 28 u 56 sa 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

29 — Ara l-punti 29 u 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

C – *Fuq iż-żamma tal-effetti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati*

90. Għalkemm il-Kunsill ma talabx dan, jiena nikkunsidra li huwa meħtieġ, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tannulla d-dispożizzjonijiet ikkontestati, li żżomm l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet [30].

91. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', jekk tqis li huwa meħtieġ, tindika liema mill-effetti tal-att annullat għandhom jitqiesu li huma definittivi.

92. F'din il-kawża, l-annullament tad-dispożizzjonijiet kkontestati, li jistabbilixxu u jallokaw TACs komuni għar-roundnose grenadier u għar-roughhead grenadier, jista' jkollu riperkussjonijiet negattivi sostanzjali fuq il-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċi, peress li s-sajd tagħhom ma jibqax iktar irregolat mill-għoti tas-sentenza sad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ġodda li jistabbilixxu opportunitajiet ta' sajd għall-ispeċi msemmijin.

93. Għaldaqstant, jiena nikkunsidra li l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinżammu sad-dħul fis-seħħ, f'perijodu raġonevoli taż-żmien li ma għandux jaqbeż sitt xhur li jibdew jiddekorru mid-data tal-għoti tas-sentenza, ta' dispożizzjonijiet ġodda li jistabbilixxu u jallokaw l-opportunitajiet ta' sajd għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier konformement mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

VI – **Konklużjoni**

94. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li saru hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tilqa' r-rikors u, konsegwentement, tannulla d-dispożizzjonijiet tal-anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1367/2014, tal-15 ta' Diċembru 2014, li jiffissa għall-2015 u l-2016, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond, li jistabbilixxu u jallokaw opportunitajiet ta' sajd annwali għall-ispeċi ta' roundnose grenadier (*coryphaenoides rupestris*) u ta' roughhead grenadier (*macrourus berglax*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V b, VI u VII, minn naħa, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX, X, XII u XIV, min-naħa l-oħra;

— iżżomm l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet sad-dħul fis-seħħ, f'perijodu raġonevoli taż-żmien li ma għandux jaqbeż sitt xhur li jibdew jiddekorru mid-data tal-għoti tas-sentenza, ta' dispożizzjonijiet ġodda li jistabbilixxu u jallokaw opportunitajiet ta' sajd għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier konformement mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, u

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż, u lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

30 — Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet b'mod partikolari għal din il-fakultà li tqajjem *ex officio* l-ħtieġa li żżomm l-effetti ta' dispożizzjonijiet annullati fis-sentenzi tas- 7 ta' Settembru 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-310/04, EU:C:2006:521, punti 138 sa 141) u tat-22 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-137/12, EU:C:2013:675, punti 78 sa 81).